



Brussell, 6 ta' Mejju 2022
(OR. fr, en)

8632/22
ADD 1

LIMITE

API 31
INF 61
OMBUDS 10
JUR 282
INST 148

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6712/22; 8087/22; 8632/22
Suġġett:	Ilment 717/2021/DL indirizzat lill-Ombudsman Ewropew - Rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew - approvazzjoni tat-tweġiba = dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni konġunta mill-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja u n-Netherlands

Il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja u n-Netherlands ma jistgħux jaqblu mal-abbozz ta' tweġiba għar-rakkomandazzjoni mill-Ombudsman Ewropew fil-kawża 717/2021/DL. Naqblu mal-Ombudsman Ewropew li l-aċċess l-aktar wiesgħa possibbli għandu jingħata lill-opinjoni tas-SLK fid-dokument 5591/21 u nixtiequ ntenu l-fehma tagħha li ma hemm l-ebda riskju raġonevolment prevedibbli u mhux purament ipotetiku li l-iżvelar sħiħ tal-opinjoni tas-SLK jimmina b'mod speċifiku u reali l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li għaddej tal-istituzzjoni, il-protezzjoni tal-parir legali u l-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali (fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u b'mod partikolari l-kawżi konġunti C-39/05 P u C-52/05, ir-Renju tal-Iżvezja u Turco/il-Kunsill u l-kawża C-350/12 P, il-Kunsill/in 't Veld).

Barra minn hekk, f'każ li, għall-kuntrarju tal-fehma tagħna, l-iżvelar sħiħ jimmina l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-protezzjoni tal-parir legali, il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja u n-Netherlands jemmnu li jkun hemm interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar sħiħ tal-opinjoni tas-SLK dwar in-natura tal-FKK u l-eżerċizzju mill-UE tal-kompetenza tagħha. Tali trasparenza tikkontribwixxi biex tagħti prova tal-leġittimità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-Kunsill fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, filwaqt li tirrifletti ċ-ċirkostanzi mhux tas-soltu li dan il-proċess seħħ fihom (pereżempju, il-Kawżi magħquda C-39/05 P u C-52/05 u l-Kawża C-506/08 P, l-Iżvezja/My Travel Group u l-Kummissjoni).

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

Meta wieħed iqis li n-negozjati tal-FKK huma konklużi u li l-Ftehim dwar l-FKK issa huwa fis-seħħ, l-Iżvezja hija tal-opinjoni li d-dokument issa jista' jiġi żvelat bis-sħiħ. L-Iżvezja għalhekk tingħaqad mad-dikjarazzjoni tal-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja u n-Netherlands.